



Brussell, 12 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8763/25

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2025/0103 (COD)

---

**FIN 499**  
**TELECOM 133**  
**CYBER 123**  
**COMPET 347**  
**RECH 197**  
**CLIMA 134**  
**ENV 313**  
**COPS 201**  
**INDEF 17**  
**POLMIL 112**  
**TRANS 169**  
**SOC 263**  
**ECOFIN 521**  
**COH 66**  
**CODEC 571**

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 188 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u 2024/795 fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 188 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 188 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.4.2025  
COM(2025) 188 final

2025/0103 (COD)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153,  
(UE) 2023/1525 u 2024/795 fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża  
fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Fil-Linji Gwida Politiċi, il-President Von der Leyen ħabbret li quddiemna hemm era ġdida għad-difiża. L-UE se taħdem fil-5 snin li ġejjin biex tibni Unjoni Ewropea tad-Difiża ta' vera. Dawn l-aħħar deċennji esponew nuqqas ta' investiment kroniku u nuqqas ta' nfiq effiċjenti fil-kapaċitajiet militari tagħha, li affettaw il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB, European Defence Technological and Industrial Base) u l-potenzjal tal-innovazzjoni tagħha, filwaqt li frammentaw is-suq tad-difiża fil-livell nazzjonali. Biex jinkwadraw dan l-approċċ il-ġdid u biex jidtegħi kollha, il-ħtiġjiet ta' investiment tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw White Paper Konġunta – Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 fid-19 ta' Marzu 2025.

Il-White Paper tenfasizza li l-Istati Membri jiffaccċjaw theddida akuta u li qed tikber, li tirrikjedi tweġiba koordinata fl-ispirtu ta' solidarjetà. Il-gwerra, l-aggressjoni u atti ostili oħra qed jaffettaw il-kontinent. L-uniku mod biex tiġi żgurata l-paċi u tittieħed deċiżjoni dwar il-futur propriu tal-UE huwa li jkun hemm il-prontezza li jiġu skoraġġuti dawn l-azzjonijiet. Dan jirrikjedi t-tiċċiha tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni sabiex tkun tista' tiproduċi t-tagħmir meħtieġ biex jiġu skoraġġuti aggressuri potenzjali. L-UE għandha pedament b'saħħtu f'termini ta' ġid u setgħa produttiva biex tillibera r-riżorsi u s-setgħa teknoloġika u industrijali latenti. Madankollu, l-istat attwali tal-prontezza tad-difiża huwa kompromess minn deċennji ta' nuqqas ta' investiment fis-settur, li jenfasizza l-htiegħa għal sforz unifikat biex tissahħħah il-qagħda tad-difiża tal-UE.

Biex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet u l-prontezza militari meħtieġa biex tiġi skoraġġuta b'mod kredibbli l-aggressjoni armata u jiġi żgurat il-futur tal-UE, tinħtieġ żieda massiva fl-infıq għad-difiża Ewropea fuq perjodu twil. Dan jirrikjedi sforz ikkombinat u sostnuf fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex isir investiment kollettiv fid-difiża tal-UE. Dan se jipprovd i l-industrija tad-difiża tal-Unjoni l-prevedibbiltà fit-tul li teħtieġ biex tinvesti f'kapaċitajiet ġodda ta' produzzjoni.

Ir-Regolament dwar il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) jappoġġa l-kompetiċività u l-vantaġġ teknoloġiku tal-UE. L-appoġġ għall-iżvilupp u l-manifattura ta' ċerti teknoloġiji tad-difiża llum huwa possibbli taħt l-iSTEP, inklużi l-IA, it-teknoloġiji taċ-ċibersigur jew id-droni.

Madankollu, l-UE trid tagħmel aktar biex tappoġġa l-htiegħa urġenti li jiżdiedu l-investimenti Ewropej fid-difiża bil-bagħit tal-UE.

Wara l-ittra tal-President von der Leyen fl-4 ta' Marzu, li kienet indirizzata lill-Kunsill Ewropew, din il-proposta għandha l-ġhan li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-iSTEP billi tintroduċi r-raba' settur strateġiku li jkopri t-teknoloġiji u l-prodotti kollha relatati mad-difiża, inklużi dawk li jaqgħu taħt l-oqsma ta' kapaċità ta' priorità identifikati fil-White Paper.

Għalhekk, l-iSTEP tista' tintuża biex tidderieġi riżorsi u investimenti addizzjonal fis-settur tad-difiża, notevolment il-bażi teknoloġika u industrijali tagħha.

Għal dak l-ġhan, din il-proposta tintroduċi modifikasi fir-Regolament dwar l-iSTEP, kif ukoll għar-regolamenti ta' programmi oħra li huma koperti mill-iSTEP: il-Fond Ewropew għad-

Difiża (EDF, European Defence Fund), il-Programm Ewropa Dígitali (DEP, Digital Europe Programme) u Orizzont Ewropa (HE, Horizon Europe). Barra minn hekk, din il-proposta se temenda wkoll ir-regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP, Act in Support of Ammunition Production) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) biex il-fondi tal-UE jkomplu jiġu mgħoddija lill-industrija u t-teknoloġiji tad-difiża.

L-emenda tal-EDF għandha l-għan li tippermetti l-akkumulazzjoni tal-finanzjament bejn l-EDF u programmi oħra tal-Unjoni għall-istess azzjoni u tintroduċi l-possibbiltà li r-riżorsi allokati lill-Istati Membri fil-qafas tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni jiġu ttrasferiti lill-EDF. L-ASAP huwa wkoll emendat biex jippermetti trasferimenti simili mill-Istati Membri u biex jestendi l-applikabbiltà tar-Regolament lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2025.

L-emenda tad-DEP tenfasizza l-appoġġ għal azzjonijiet b'użu doppju bħala objettiv ġenerali u spċifiku tal-istrument u l-possibbiltà li tintuża l-flessibbiltà baġitarja biex jiġi appoġġati investimenti addizzjonali ffukati tajjeb għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE.

L-emenda tal-programm Orizzont Ewropa se tippermetti appoġġ għal teknoloġiji b'applikazzjonijiet potenzjali b'użu doppju taħt l-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council), kif ukoll appoġġ għall-ekwità għal teknoloġiji b'fokus fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża għal scale-up. Jenħtieġ li l-ammonti mhux użati u r-redditi potenzjali minn investimenti magħmulia mill-Fond tal-EIC matul il-fażi pilota fil-qafas ta' Orizzont 2020 ikunu disponibbli sabiex jiġi ffinanzjati proġetti addizzjonali b'użu doppju u tad-difiża li jibbenifaw mill-kamp ta' applikazzjoni emendat.

Bis-saħħha ta' din il-proposta, il-Kummissjoni tista' tagħti wkoll Siġilli STEP<sup>1</sup> taħt l-HE, l-EDF u d-DEP lil proġetti b'potenzjal għoli fis-settur tad-difiża, bl-objettiv li tattira finanzjament minn sorsi oħra (fondi oħra tal-UE, fondi nazzjonali, investituri privati jew istituzzjonali).

Fl-1 ta' April 2025, il-Kummissjoni pproponiet li timmodifika r-Regolamenti dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)/il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund) u l-Fond Soċċiali Ewropew + (FSE+) biex tkompli tippromwovi l-investimenti fid-difiża bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Politika ta' Koeżjoni.

Din il-proposta tikkomplementa r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Politika ta' Koeżjoni. L-estensijni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-iSTEP tippermetti li l-investimenti fl-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi fid-difiża jiġi appoġġati fil-qafas tal-objettivi spċifici eżistenti tal-iSTEP fil-FEŻR u l-FK. Bl-istess mod, il-ħiliet rilevanti għall-iżvilupp/għall-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi fis-settur tad-difiża jistgħu jiġi appoġġati wkoll taħt l-iSTEP permezz tal-FSE+.

Huwa meħtieġ approċċ koordinat fil-livell tal-UE biex tiġi prevista mobbiltà mingħajr xkiel għall-persunal u t-tagħmir militari fl-Ewropa kollha. L-FNE, bħala programm ġestit ċentralment, tista' tiżgura l-għażla tal-proġetti ta' mobbiltà militari b'livell għoli ta' valur miżjud u maturità tal-UE għal implementazzjoni rapida u koordinata fl-Istati Membri kollha, abbażi tal-kurituri tal-mobbiltà militari. L-FNE tiggarantixxi wkoll l-involviment tal-Persunal Militari tal-UE fl-għażla tal-proġetti u li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-istandard tekniċi meħtieġa għall-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju.

<sup>1</sup>

Is-Siġill STEP huwa s-Siġill tas-Sovranità definit fir-Regolament (UE) 2024/795

Il-proposta għar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Politika ta' Koeżjoni tippermetti lill-Istati Membri jużaw il-finanzjament ta' koeżjoni attwali biex jinvestu fl-infrastruttura tad-difiża jew b'użu doppu biex titrawwem il-mobbiltà militari, filwaqt li jibbenefikaw minn prefinanzjament ta' 30 % tal-ammonti programmati u l-possibbiltà li japplikaw finanzjament mill-Unjoni sa 100 %. Dawk l-investimenti għandhom jiffukaw primarjament fuq l-erba' Kurituri tal-Mobbiltà Militari ta' Prioritāt tal-UE. Għall-investimenti fil-mobbiltà militari, il-Komunikazzjoni li takkumpanja r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Politika ta' Koeżjoni thegħieg lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-possibbiltà li jittrasferixxu r-riżorsi allokat li lhom f'ġestjoni kondiviża għall-FNE, filwaqt li jibbenefikaw mill-istess rati vantaġġużi ta' prefinanzjament u ta' kofinanzjament bħall-finanzjament ta' koeżjoni. Qed tīgi proposta emenda tar-Regolament dwar l-FNE biex jiġi ffaċilitat dan il-proċess.

L-emenda tal-programm FNE għas-settur diġitali se tippermetti l-kapaċitajiet diġitali konnessi li huma meħtieġa għall-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża, inkluża l-konnessjoni tal-cloud, l-IA u l-Gigafactories tal-IA.

- Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta hija konsistenti mal-objettivi segwiti mill-programmi tal-UE msemmija hawn fuq u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Hijha tipprovdi emendi mmirati tar-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u (UE) 2024/795.

- Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija limitata għal emendi mmirati tar-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u (UE) 2024/795 u żżomm konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni.

## **2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 114, 164, 172, 173, 175, it-tielet paragrafu, 176, 177, 178, 182, 183, 188, u 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta għandha l-għan li thegħieg l-investimenti fid-difiża billi tipprovdi incenzi, tnejhi l-ostakli potenzjali u tiżgura flessibbiltà u simplifikazzjoni akbar. Ma jistax jinkiseb l-istess riżultat permezz ta' azzjonijiet fuq livell nazzjonali.

- Proporzjonalità**

Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza l-investimenti fid-difiża u tipprovdi flessibbiltà u simplifikazzjoni akbar għall-aċċellerazzjoni tal-investimenti. Il-miżuri ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

- Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-istrument xieraq peress li jipprovdi regoli direttament applikabbi għall-appoġġ u minħabba li għandhom jiġu introdotti emendi fir-rigward tar-Regolamenti eżistenti.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TALKONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

M/A

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

M/A

- **Gbix u użu tal-għarfien espert**

M/A

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta ma toħloqx strumenti ġdid iżda hija implementata permezz ta' għodod eżistenti taħt il-bagħit tal-UE, li huma emendati biex ikunu jistgħu jimmobilizzaw aħjar ir-riżorsi ta' investimenti fid-difīza. Dawn l-strumenti eżistenti, bħal Orizzont Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali, il-Fond Ewropew għad-Difiża jew il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt. Din l-analiżi, li twettqet f'valutazzjonijiet tal-impatt jew fid-dokumenti ta' ħidma tal-persunal analitiċi, tkopri l-impatti l-aktar sinifikanti ta' din il-proposta. Għal dawn ir-raġunijiet, mhix meħtieġa valutazzjoni tal-impatt oħra. Barra minn hekk, il-bidliet limitati u mmirati ma jirrik jedux valutazzjoni tal-impatt separata.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

M/A

- **Drittijiet fundamentali**

M/A

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din l-inizjattiva se tīġi ffinanzjata minn riżorsi eżistenti, fi ħdan il-pakketti miftiehma tal-programmi kkonċernati u r-riskju għoli allokat.

Il-proposta se tirrinforza l-pakkett tal-EIC b'EUR 210 miljun mill-ammonti mhux użati u r-rimborżi tal-proġett pilota tal-EIC ta' Orizzont 2020.

### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implementazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implementazzjoni tal-miżura se tīġi mmonitorjata u rrapporata fil-qafas tal-mekkaniżmi ġenerali ta' rapportar stabbiliti fil-qafas ta' kull programm u fond.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

M/A

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u 2024/795 fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implementat il-Pjan ReArm Europe**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114, 164, 172, 173, l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikoli 176, 177 u 178, 182, 183, 188, 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>3</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u d-deterjorament rapidu tal-livelli ta' theddid regionali u globali jirrikjedu żieda urġenti u sinifikanti fl-infiq tal-Unjoni fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, il-kapaċită industrijali u l-iżvilupp ta' infrastrutturi marbuta mas-sigurtà u d-difiża. Kif identifikat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel aktar biex tappoġġa l-ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-investimenti Ewropej relatati mad-difiża bil-baġit tal-Unjoni.
- (2) Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) li ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> hija inizjattiva li għandha l-għan li tagħti spinta lill-kompetittività tal-Unjoni billi timmobilizza fondi minn 11-il programm eżistenti tal-Unjoni lejn teknoloġiji kritiċi fi tliet setturi strateġiċi: it-teknoloġiji diġitali u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda, it-teknoloġiji nodfa u effiċċienti fir-riżorsi, u l-bijoteknoloġiji. Tabilħaqq, hija mezz tajjeb biex jiġu mobilizzati, b'mod koordinat u

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> ĠU C , , p. .

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (“STEP”), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>)

sinerġetiku, ir-riżorsi tal-Unjoni lejn id-difiża, inklużi tehnologiji mill-aktar avvanzati diġitali ewlenin li huma meħtieġa għall-iżvilupp ta' prodotti u tehnologiji tad-difiża.

- (3) Filwaqt li l-appoġġ għat-tehnologiji b'implikazzjonijiet ta' difiża huwa possibbli llum taħt it-tliet setturi strateġiċi eżistenti li ġew identifikati fl-iSTEP, jidher li huwa meħtieġ li jiżdiedu l-potenzjalitajiet tal-iżvilupp tar-riċerka, l-industrija u l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża billi jiġi stabbilit ir-raba' settur strateġiku fl-iSTEP li huwa ffukat fuq it-teknoloġiji tad-difiża. Jenħtieġ li dan is-settur strateġiku ġdid jiżgura li l-inċentivi tal-iSTEP jintużaw biex jiżdied il-finanzjament tal-Unjoni fit-tehnologiji tad-difiża u jikkontribwixxu għall-kompetittività Ewropea skont l-objettivi tal-iSTEP. Jenħtieġ li t-teknoloġiji tad-difiża jinfieha bħala dawk imsemmija fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE u jinkludu, b'mod partikolari, tehnologiji fl-oqsma identifikati mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025, jiġifieri: id-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili, is-sistemi ta' artillerija, inklużi mezzi ta' attakk fil-profond bi preċiżjoni, missili u munizzjon, droni u sistemi kontra d-droni, faċilitaturi strateġiċi, inkluż fir-rigward tal-ispazju u l-ħarsien tal-ispazju u tal-infrastruttura kritika, il-mobbiltà militari, iċ-ċiberspazju, l-intelliġenza artifiċjali u l-gwerra elettronika. Fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali, jenħtieġ li l-Gigafactories tal-IA jsiru infrastrutturi ewlenin biex jespandu malajr is-setgħa tal-IA fit-teknoloġiji tad-difiża.
- (4) Barra minn hekk, sabiex tiġi ottimizzata l-kapaċità tal-programmi koperti mill-iSTEP biex jimmobilizzaw ir-riżorsi tal-Unjoni lejn id-difiża, huwa meħtieġ li jiġi kkjarifikat li dawn il-programmi jistgħu jsegwu objettivi u attivitajiet li huma relatati mat-titħbi tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB, European Defence Technological and Industrial basis) kif ukoll l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tad-difiża.
- (5) Orizzont Ewropa, li ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>, huwa l-programm ta' finanzjament ewleni tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council), li ġie stabbilit b'dak ir-Regolament, jipprovd appoġġ, b'mod partikolari, għal innovazzjonijiet b'potenzjal rivoluzzjonarju u ta' natura fixkiela b'potenzjal ta' scale-up li jista' jkun riskjuż wisq għall-investituri privati. L-SMEs li joperaw fis-settur tad-difiża jirrikjedu finanzjament għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti innovattivi. Madankollu, dawn il-kumpaniji jiffaċċjaw ostakli oħla biex jaċċessaw il-finanzjament meta mqabbel mal-SMEs f'setturi oħra. Filwaqt li l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża jsir permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF, European Defence Fund), li huwa programm speċifiku ta' Orizzont Ewropa, jixraq li l-Aċċelleratur tal-EIC jinfetaħ għal azzjonijiet b'applikazzjonijiet b'użu doppju potenzjali. Jenħtieġ li l-appoġġ għall-iscale-up fil-qafas tal-Aċċelleratur tal-EIC jiġi estiż ukoll għal SMEs mhux bankabbli, inklużi kumpaniji start-up u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja mhux bankabbli, inklużi entitajiet li digħi rċevew appoġġ mill-Aċċelleratur li jwettqu innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela mhux bankabbli b'fokus fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża. Dan jiġiustifika eċċeżżoni mmirata għall-prinċipju li huwa stabbilit fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li

<sup>5</sup>

Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/2024-03-01>)

skontu l-aktivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni taħt Orizzont Ewropa għandhom fokus eskużiv fuq l-applikazzjonijiet ċivili filwaqt li ma jippejha l-objettiv li jiġi żgurati duplikazzjonijiet mhux meħtieġa.

- (6) Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li r-riżorsi xierqa jiġi diretti lejn il-finanzjament ta' proġetti b'użu doppju u tad-difiża taħt Orizzont Ewropa, jixraq li ssir deroga għall-Artikolu 212(3) tar-Regolament Finanzjarju sabiex jiġi żgurat li l-ħlasijiet lura, inklużi l-avvanzi rimborżati, id-dħul u l-ammonti mhux użati netti mit-tariffi u l-kostijiet tal-komponent ta' investiment ta' finanzjament imħallat tal-EIC tal-proġett pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020 ma jiġux diretti lejn il-baġit tal-Unjoni iżda jiġi investiti mill-ġdid fil-Fond tal-EIC sabiex jiġi ffinanzjati proġetti addizzjonali b'użu doppju u tad-difiża li jibbenefikaw mill-kamp ta' applikazzjoni emendat. Jenħtieġ li l-perjodu ta' żmien li huwa stabbilit fl-Artikolu 212(3) tar-Regolament Finanzjarju jiġi adattat ukoll, billi tiddaħħal deroga, biex tkun tista' ssir dik il-possibbiltà.
- (7) Il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) li huwa stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>, huwa l-programm ewljeni għat-tishħiħ tal-kompetittività, l-innovazzjoni, l-effiċjenza u l-awtonomija teknoloġika tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. L-EDF għandu wkoll l-ġhan li jappoġġa azzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji fixkiela għad-difiża. Sabiex jiġi indirizzati aħjar l-ispeċifitajiet ta' dawn l-azzjonijiet, bħall-iskala żgħira tagħhom jew il-ħtieġa tagħhom għal appoġġ rapidu, jixraq li jiġi ssimplifikati l-proċeduri biex tittieħed deċiżjoni dwar l-appoġġ ta' dawn l-azzjonijiet filwaqt li fl-istess ħin jitfasslu l-kundizzjonijiet għad-deċiżjoni dwar l-appoġġ fil-programm ta' ħidma. .
- (8) Jeħtieġ ukoll li jiġi sfruttati s-sinerġji bejn l-EDF u programmi oħra tal-Unjoni. Għal dak il-fini, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, pajiżi terzi, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra li jipprovd kontribuzzjonijiet volontarji għall-Programm, bħala dħul assenjat estern. Jenħtieġ li jkunu possibbli trasferimenti volontarji ta' riżorsi allokati lill-Istati Membri f'ġestjoni kondiviża għall-EDF u l-kombinament ta' kontribuzzjonijiet mill-EDF ma' programmi oħra tal-Unjoni għal azzjonijiet spċifici, dment li l-appoġġ kumulattiv tal-Unjoni ma jkunx jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni.
- (9) Il-Programm Ewropa Diġitali (DEP) li ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> għandu l-ġhan li jappoġġa u jaċċellera t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija, l-industrija u s-soċjetà Ewropea u li jtejjeb il-kompetittività tal-Ewropa fl-ekonomija diġitali globali. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-programm ikollu wkoll l-ġhan li jappoġġa, b'mod partikolari, proġetti, servizzi u kompetenzi b'applikazzjoni potenzjali ta' użu doppju skont l-objettivi spċifici kollha tiegħi.
- (10) Biex jissaħħu s-sovranità teknoloġika u l-kompetittività, l-Unjoni teħtieġ l-infrastrutturi tal-computing, tal-cloud u tad-data li tirrikjedi t-tmexxija tal-IA. Bħala parti mill-istrateġija għall-Kontinent tal-IA, il-fabbriki u l-Gigafactories tal-IA huma

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170 12.5.2021, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/2024-03-01>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166 11.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/694/2023-09-21>)

essenzjali biex l-Unjoni tkun tista' tikkompeti fil-livell globali u tiżgura l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tagħha fix-xjenza, fir-riċerka b'użu doppju u fis-setturi industrijali kritiċi, inkluża l-industrija tad-difiża. Dawn il-mudelli tal-ġenerazzjoni li jmiss jirrikjedu infrastruttura tal-computing konnessa estensiva għal innovazzjonijiet f'oqsma speċifiċi inkluża d-difiża. Għalhekk, fl-Objettiv Speċifiku 1 – Computing ta' Prestazzjoni Għolja tad-DEP, jixraq li jiżdied objettiv operazzjonali supplimentari ddedikat għall-implementazzjoni u l-operat tal-Fabbriki tal-IA u l-ġenerazzjoni l-ġdid ta' Gigafactories tal-IA li jkunu speċjalizzati fl-iżvilupp, fit-taħrif u t-tħaddim tal-mudelli u l-applikazzjonijiet tal-IA l-aktar kumplessi u kbar ħafna, inklużi l-hardware u s-software meħtieġa għal din l-implementazzjoni.

- (11) Fl-Objettiv Speċifiku 5 tad-DEP – L-Implimentazzjoni u l-Aħjar Użu tal-Kapaċità Diġitali u l-Interoperabbiltà, jeħtieġ ukoll li, fl-objettiv operazzjonali definit biex jiġi appoġġat is-settur pubbliku u l-oqsma ta' interess pubbliku, tiżdied referenza għad-difiża sabiex jiġi kkjarifikat li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont dan l-Objettiv tista' tīgi estiżha għal dak is-settur.
- (12) Jeħtieġ ukoll li jiġu adattati r-regoli ta' eligibbilità li jistgħu jiġu stabbiliti fil-programm ta' ħidma tad-DEP sabiex ikun possibbli li jiġi pprovdut li l-entitajiet legali stabbiliti f-pajjiżi assoċjati u l-entitajiet legali li huma stabbiliti fl-Unjoni iżda li huma kkontrollati minn pajjiżi terzi ma jkunux eliġibbli biex jipparteċipaw fl-azzjonijiet kollha jew f'xi wħud minnhom li huma ffukati fuq teknoloġiji b'potenzjal ta' użu doppju skont kwalunkwe objettiv speċifiku. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li s-sejħiet għal proposti u s-sejħiet għall-offerti jkunu ristretti għal entitajiet legali stabbiliti jew meqjusa li huma stabbiliti fl-Istati Membri u kkontrollati mill-Istati Membri jew minn cċittadini tal-Istati Membri.
- (13) Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jappoġġa l-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP)<sup>8</sup> ġie adottat biex jappoġġa finanzjarjament it-tishħiħ urġenti tar-rispons u l-kapaċità tal-EDTIB li tiżgura d-disponibbiltà u l-provvista f-waqthom ta' munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija kif ukoll missili. Jenħtieġ li t-trasferimenti volontarji ta' riżorsi allokati lill-Istati Membri f-ġestjoni kondiviża għall-instrument ASAP kif ukoll kontribuzzjoniż volontarji addizzjonali mill-Istati Membri jew minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jikkontribwixxu biex jiġi segwit l-appoġġ għaż-żieda tal-kapaċitajiet tal-manifattura tal-Unjoni lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2025. Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (UE) 2023/1525 jiġi emendat biex jintroduċi din il-possibbiltà. Peress li dak ir-Regolament wera li huwa utli biex jiġu żviluppati kapaċitajiet ġodda ta' produzzjoni ta' trab/propellant, splussivi, bombardamenti, kapaċità ta' t-testjar, u missili fl-Unjoni kollha, jixraq li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tiegħu tīgi estiżha sal-31 ta' Diċembru 2026.
- (14) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) li hija stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,<sup>9</sup> għandha l-għan li taċċellera l-investiment fil-qasam tan-networks trans-Ewropej, filwaqt li tippermetti sinergi bejn is-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali. Sabiex tīgi appoġġata l-infrastruttura tal-computing konnessa, li hija meħtieġa mill-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża u lil

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) (ĠU L 185, 24.7.2023, p. 7–25, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1525/oj>)

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249 14.7.2021, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/2024-07-18>)

hinn minn dawn l-oqsma, jenhtieг li l-objettivi tas-settur diġitali tal-FNE f'dak ir-Regolament jiġu estiżi għall-implimentazzjoni u l-forniment ta' kapaċitajiet diġitali bħall-cloud, l-IA u l-Gigafactories tal-IA.

- (15) Il-mobbiltà militari hija wkoll wieħed mill-objettivi tal-programm FNE. Il-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 irrikonoxxiet il-mobbiltà militari bħala faċilitatur essenzjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropea u enfasizzat il-valur miżjud tal-Unjoni fl-appoġġ għall-infrastruttura b'użu doppju għall-mobbiltà. Irrieżami ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni li t-tnejn ġew stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> introduċa l-possibbiltà ta' investiment fl-infrastruttura tad-difiża jew b'użu doppju biex titrawwem il-mobbiltà militari, filwaqt li jkun hemm beneficiju minn prefinanzjament ta' 30 % tal-ammonti programmati u l-possibbiltà li jiġi applikat finanzjament mill-Unjoni sa 100 %. F'każijiet fejn l-Istati Membri jittrasferixxu riżorsi allokatil lilhom f'ġestjoni kondiżiża għall-FNE, jenhtieг li huma jibbenifikaw mill-istess kundizzjonijiet dwar il-prefinanzjament u l-kofinanzjament għal proġetti tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju kif introdotti fil-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni. F'dan il-każ, jenhtieг li dawn l-ammonti jkunu riżervati għal proġetti li jiżviluppaw il-kurituri tal-Mobbiltà Militari kif identifikati mill-Istati Membri fir-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-Unjoni u lil hinn minnha, kif ukoll il-konnettività u l-kapaċitajiet diġitali.
- (16) Għalhekk, jenhtieг li r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u (UE) 2024/795 jiġu emendati kif xieraq.
- (17) Minħabba l-ħtieġa urġenti li jiġu permessi investimenti kruċjali fid-difiża fil-kuntest ta' sfidi ġeopolitiċi urġenti, jenhtieг li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (18) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jsahħħaħ l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fl-użu doppju u d-difiża, ittejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni u għalhekk jikkontribwixxi għad-difiża tal-Unjoni billi jiffoka mill-ġdid l-investimenti ta' dawn il-prioritajiet kritiċi, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjet kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn dak li huwa meħtieг sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

#### ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2021/694 [Programm Ewropa Diġitali] huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3(1), it-tieni subparagraphu, jiżdied il-punt li ġej:  
“(c) li jappoġġa proġetti, servizzi, kompetenzi u applikazzjonijiet b'użu doppju.”;
- (2) fl-Artikolu 4(1), jiżdied il-punt li ġej:

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231 30.6.2021, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1058/2024-12-24>)

“(d) timplimenta u topéra Fabbriki tal-IA u Gigafactories tal-IA ta’ ġenerazzjoni ġdida li jkunu speċjalizzati fl-iżvilupp, fit-taħriġ, u t-tħaddim tal-mudelli u l-applikazzjonijiet tal-IA l-aktar kumplessi u kbar ħafna, inklużi l-hardware u s-software meħtieġa għal din l-implementazzjoni.”;

- (3) fl-Artikolu 8(1), il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) tappoġġa lis-settur pubbliku u l-oqsma ta’ interessa pubbliku, bħas-saħħha u l-kura, l-edukazzjoni, il-ġudikatura, id-dwana, id-difiża, it-trasport, il-mobbiltà, l-enerġija, l-ambjent, is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż in-negozji rilevanti stabbiliti fi ħdan l-Unjoni, biex effettivament jimplimentaw u jaċċessaw teknoloġiji diġitali mill-aktar avvanzati, bħall-HPC, il-kwantum, l-IA u ċ-ċibersigurtà;”;

- (4) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Il-programm ta’ ħidma jista’ jipprevedi wkoll li l-entitajiet legali stabbiliti f’pajjiżi assoċjati u entitajiet legali li jkunu stabbiliti fl-Unjoni iżda li huma kkontrollati minn pajjiżi terzi ma jkunux eliġibbli biex jipparteċipaw fl-azzjonijiet kollha jew uħud minnhom taħt l-Objettiv Speċifiku 3 għal raġunijiet ta’ sigurta debitament ġustifikati, u f’azzjonijiet iffukati fuq teknoloġiji b’potenzjal ta’ użu doppju skont kwalunkwe objettiv speċifiku. F’każijiet bħal dawn, is-sejħiet għall-proposti u s-sejħiet għall-offerti għandhom ikunu ristretti għall-entitajiet legali stabbiliti jew meqjusa li huma stabbiliti fl-Istati Membri u kkontrollat mill-Istati Membri jew minn ċittadini tal-Istati Membri. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu applikati għall-aċċess għall-kapaċitajiet implementati fil-qafas ta’ dawn is-sejħiet.”

## *Artikolu 2*

Ir-Regolament (UE) 2021/695 [Orizzont Ewropa] huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 46, jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

“4a. B’deroga mill-Artikolu 212(3) tar-Regolament Finanzjarju, il-ħlasijiet lura inklużi l-avvanzi rimborżati, id-dħul u l-ammonti mhux użati netti mit-tariffi u l-kostijiet tal-finanzjament imħallat tal-EIC tal-proġetti pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020 għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat intern f’konformità mal-Artikolu 21(3), il-punt (f) u l-Artikolu 21(4) u (5) tar-Regolament Finanzjarju u r-restrizzjoni taż-żmien ta’ sentejn stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 212(3) tar-Regolament Finanzjarju għandha tapplika minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].”

- (2) L-Artikolu 48(1), it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-punt (a), tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Bħala eċċeżżjoni għall-Artikolu 7(1), dan l-appoġġ jista’ jinkludi applikazzjonijiet b’użu doppju potenzjali.”;

- (b) fil-punt (b), tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Bħala eċċeżżjoni għall-Artikolu 7(1), dan l-appoġġ jista’ jinkludi applikazzjonijiet b’użu doppju potenzjali.”;

- (c) fil-punt (c), tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Bħala eċċeżżjoni għall-Artikolu 7(1), dan l-appoġġ jista’ jinkludi applikazzjonijiet b’użu doppju potenzjali.”;

- (d) fil-punt (d), tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Bħala eċċeżżjoni għall-Artikolu 7(1), dan l-appoġġ jista’ jinkludi innovazzjoni f’teknoloġiji kritiċi b’fokus fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża.”;

### *Artikolu 3*

Ir-Regolament (UE) 2021/697 [Fond Ewropew għad-Difiża] huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

### *“Artikolu 6*

#### **Appoġġ għal teknoloġiji fixkiela għad-difiża**

1. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa azzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta’ teknoloġiji fixxiela għad-difiża fl-oqsma ta’ intervent definiti fil-programmi ta’ ħidma msemmija fl-Artikolu 24.
  2. Il-programmi ta’ ħidma għandhom jistabbilixxu l-forom l-aktar xierqa ta’ finanzjament, kriterji u proċeduri tal-għażla u għall-aġġudikazzjoni, u implimentazzjoni għal teknoloġiji fixxiela għad-difiża.”;
- (2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

### *“Artikolu 8a*

#### **Finanzjament kumulattiv u trasferimenti ta’ riżorsi**

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni tista’ tirċievi wkoll kontribuzzjoni fil-qafas tal-Programm, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkunux ikopru l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom jaapplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista’ jiġi kkalkulat fuq bażi prorata f’konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
2. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti għall-Programm soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060 għall-perjodu 2021-2027. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f’konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagraph tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettamente f’konformità mal-punt (c) ta’ dak is subparagraphu. Dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Ir-riżorsi trasferiti f’konformità mal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu jistgħu, b’deroga mill-Artikolu 13(2) ta’ dan ir-Regolament, jintużaw għall-fini ta’ kontribuzzjoni għall-finanzjament ta’ azzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 10 ta’ dan ir-Regolament sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

3. Meta l-Kummissjoni ma tkunx daħlet f’impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għar-riżorsi trasferiti f’konformità mal-paragrafu 3 u sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Settembru 2027, ir-riżorsi mhux impenjati korrispondenti jistgħu jiġi trasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar, fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060.

4. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Dawn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.”;

#### *Artikolu 4*

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 [Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa] huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 3(2) huwa emendat kif ġej:

(c) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) fis-settur diġitali: li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta’ proġetti ta’ interess komuni relatati mal-implementazzjoni ta’, u mal-aċċess għal, networks diġitali sikuri u siguri, b’kapaċitā għolja ħafna, inkluż sistemi 5G, għall-istabbiliment u l-implementazzjoni ta’ kapaċitajiet diġitali bħall-cloud, l-IA u l-Gigafactories tal-IA, għaż-żieda fir-reżiljenza u fil-kapaċitā tan-networks ċentrali diġitali fit-territorji tal-Unjoni billi tgħaqqadhom ma’ territorji ġirien, kif ukoll mad-diġitalizzazzjoni tan-networks tat-trasport u tal-enerġija.”;

- (2) fl-Artikolu 8(4), jiżdied il-punt (f) li ġej:

“(f) proġetti ta’ interess komuni li jikkontribwixxu għall-istabbiliment u l-implementazzjoni jew l-aġġornament sinifikanti tal-kapaċitajiet diġitali, inklużi l-cloud, l-IA u l-Gigafactories tal-IA, għandhom jingħataw priorità sa fejn jikkontribwixxu b’mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjoni, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-infrastrutturi tat-trasport, tal-enerġija u dawk diġitali li huma kritiċi għall-implementazzjoni tas-suq intern.”;

- (3) fl-Artikolu 9(4), jiżdied il-punt (f) li ġej:

“(f) azzjonijiet li jappoġġaw l-istabbiliment u l-implementazzjoni ta’ kapaċitajiet diġitali fil-cloud, l-IA u l-Gigafactories tal-IA.”;

- (4) fl-Artikolu 15(2), jiżdied il-punt (ba) li ġej:

“(ba) Soġġett għat-trasferiment tar-riżorsi meħtieġa għall-FNE fil-kuntest tar-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-programmi appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta’ Koeżjoni [żid referenza legali għar-Regolament adottat skont COM (2025) 123, 2025/0084 (COD)], skont l-Artikolu 4(13), għal xogħlijiet relatati mal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a)(ii), japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (i) ir-rati ta’ kofinanzjament jistgħu jiżdiedu sa massimu ta’ 100 %;
- (ii) l-azzjonijiet huma intitolati għal pagament ta’ prefinanzjament li jirrappreżenta mill-inqas 30 % tal-ammont allokat fil-ftehim ta’ għotja;
- (iii) l-azzjonijiet għandhom ikunu jinsabu f’wieħed jew aktar mill-erba’ Kurituri tal-Mobbiltà Militari ta’ Priorità tal-UE li ġew identifikati mill-Istati Membri fl-Anness II tar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-Unjoni u lil hinn minnha, kif adottati mill-Kunsill fit-[18 ta’ Marzu 2025 u bir-referenza ST 6728/25 ADD1] u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-infrastruttura kif

stabbiliti fir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1328.

### *Artikolu 5*

Ir-Regolament (UE) 2023/1525 [ASAP] huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 6, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“3a. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni , il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għall-Instrument. Dawn il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

3b. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tal-Istati Membri kkonċernati, jiġu ttrasferiti għall-Instrument soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament f'konformità mal-punt (c) ta' dak is-subparagrafu. Dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

3c. Ir-riżorsi trasferiti f'konformità mal-paragrafu 3b ta' dan l-Artikolu jistgħu, b'deroga mill-Artikolu 19c(6) ta' dan ir-Regolament, jintużaw għall-fini ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' azzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

3d. Meta l-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għar-riżorsi trasferiti f'konformità mal-paragrafu 3 u sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2027, ir-riżorsi mhux impenjati korrispondenti jistgħu jiġi trasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar, fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060.”

- (2) fl-Artikolu 24, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan ir-Regolament għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2026. Dan ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika ta' azzjonijiet mibdija skont dan ir-Regolament jew kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jiġi protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.”

### *Artikolu 6*

Fl-Artikolu 2(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/795, [Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)], jiżdied il-punt li ġej:

“(iv) teknoloġiji tad-difiża;”

### *Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA .....	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva .....	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) .....	3
1.3.	Objettiv(i) .....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali .....	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi .....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija .....	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni .....	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': .....	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva .....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnejha tal-implementazzjoni tal-inizjattiva .....	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-invovlment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż, gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqSIMA, "valur miżjud tal-invovlment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonal għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom .....	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imghoddie .....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra .....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażiex differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni .....	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha .....	6
1.7.	Metodu/i tal-implementazzjoni tal-baġit ippjanat(i) .....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI .....	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar .....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll .....	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implementazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implementazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istratēġija ta' kontroll proposta .....	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom .....	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporżjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-ġħeluq) .....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet .....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA .....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet .....	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali .....	12
3.2.1.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat .....	12
3.2.1.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern .....	17
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn appropriazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi .....	24
3.2.3.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern .....	24
3.2.3.3.	Total tal-appropriazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani .....	25
3.2.4.1.	Iffinanzjati mill-baġit ivvutat .....	25
3.2.4.2.	Iffinanzjati minn dħul assenjat estern .....	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani .....	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali .....	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI .....	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali .....	30
4.2.	Data .....	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali .....	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali .....	32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u 2024/795 fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implementat il-Pjan ReArm Europe.

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Era ġdida għad-Difiża u s-Sigurtà Ewropej

### 1.3. Objettiv(i)

#### 1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

Li jiġu inċentivati l-investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE u tissaħħaħ l-industrija tad-difiża u l-bażi teknoloġika tal-UE skont il-Pjan ReArm Europe.

#### 1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

- Li tkun tista' ssir l-estensjoni tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) biex tkopri teknoloġiji u prodotti relatati mad-difiża, u biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE fis-settur tad-difiża.
- Li jkun jista' jiġi emendat il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) biex 1) jiġu sfruttati aħjar is-sinerġi ma' programmi oħra tal-Unjoni billi jkun permess il-kombinament tal-kontribuzzjonijiet taħt l-EDF ma' programmi oħra tal-Unjoni għal azzjonijiet speċifiċi; 2) ikunu jistgħu jsiru trasferimenti volontarji ta' riżorsi allokat i-l-Instati Membri f'ġestjoni kondiviża għall-EDF; 3) jiġu simplifikati l-evalwazzjoni u l-proċess ta' finanzjament tal-iżvilupp ta' teknoloġiji fixxiela għad-difiża.
- Li jiġi emendat l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP) biex 1) tiġi introdotta l-possibbiltà ta' trasferimenti volontarji ta' riżorsi allokat i-l-Instati Membri f'ġestjoni kondiviża l-ASAP, kif ukoll kontribuzzjonijiet volontarji addizzjonal mill-Instati Membri jew minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra; 2) tiġi estiża l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-ASAP sal-31 ta' Diċembru 2026 biex jiġi żgurat appoġġ kontinwu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ġodda ta' produzzjoni għall-munizzjon u prodotti relatati.
- Li jiġi emendat il-Programm Ewropa Digidali (DEP) biex jiissħaħha il-fokus tiegħi fuq l-awtonomija strateġika u l-kompetittività, u jiġi appoġġati aħjar it-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet b'użu doppju. Dan jinkludi l-implementazzjoni ta' infrastruttura digidali bħall-intelliġenza artifiċjali, il-computing ta' prestazzjoni għolja, u c-ċibersigurta, eż. permezz tal-iżvilupp tal-Fabbriki u l-Gigafactories tal-IA. L-emenda se tiżgura wkoll li l-finanzjament tal-programm jintuża b'mod li jallinja mal-interessi strateġiċi tal-UE, inkluż billi jiġu adattati r-regoli ta' eliġibbiltà għal azzjonijiet b'użu doppju.
- Li jiġi emendat Orizzont Ewropa biex ikun jista' jingħata appoġġ għal proġetti b'applikazzjonijiet b'użu doppju potenzjali taħt l-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), kif ukoll proġetti b'fokus fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża taħt l-espansjoni tal-iSTEP scale-up tal-EIC.

- Li tiġi emendata l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) biex testendi l-objettivi tas-settur diġitali tagħha biex tinkludi l-implimentazzjoni u l-forniment ta' kapaċitajiet diġitali bħall-cloud, l-IA, u l-Gigafactories tal-IA, u biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni relatati ma' networks u infrastruttura effiċċenti, interkonnessi u multimodali għal mobbiltà intelliġenti, interoperabbi, sostenibbli, inklużiva, aċċessibbli, sikura u sigura f'konformità mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

### 1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Ir-regolament mini-omnibus propost huwa mistenni li jkollu l-effetti li ġejjin fuq il-benefiċjarji u l-gruppi fil-mira:

Żieda fl-investimenti fid-difiża: il-proposta se tipprovdi lill-Istati Membri aktar flessibbiltà biex jużaw il-baġit tal-UE biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tad-difiża tagħhom, u dan iwassal għal żieda sinifikanti fl-investimenti fid-difiża, skont l-objettivi tal-Pjan ReArm Europe.

Bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) imsaħħa: billi tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji tad-difiża u b'użu doppju, il-proposta se tippermetti lill-UE tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq forniture mhux tal-UE u ssaħħa l-awtonomija strateġika tagħha, u fl-aħħar mill-aħħar issaħħa l-EDTIB.

Prontezza, kapaċitajiet u mobbiltà militari mtejba: il-proposta se tippermetti lill-Istati Membri jissodisfaw il-lakuni fil-kapaċità tad-difiża tagħhom, jiżviluppaw il-prontezza militari meħtieġa biex jiskoraġġixxu b'mod kredibbi l-aggressjoni armata, u jsaħħu l-mobbiltà militari fil-kontinent kollu, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-kurituri tal-Mobbiltà Militari. Jenħtieġ li r-rati ġoddha ta' prefinanzjament u ta' kofinanzjament għal proġetti tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju jservu bħala incēntivi għall-Istati Membri biex jittrasferixxu riżorsi minn ġestjoni kondiviża għall-FNE, li jippermettu approċċ koordinat għall-investimenti fil-mobbiltà militari fl-Istati Membri kollha u jikkontribwixxu għall-objettivi tal-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030.

Appoġġ għall-SMEs u l-kumpaniji start-up: billi tiftaħ l-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-iScale Up tal-EIC għat-teknoloġiji b'użu doppju u tad-difiża, il-proposta se tippromwovi l-innovazzjoni u l-kompetittivitā fl-UE, issaħħa l-EDTIB, u tipprovdi opportunitajiet għall-SMEs u l-kumpaniji start-up biex jiżviluppaw u jikbru.

Sinerġi akbar ma' setturi oħra: il-proposta se tiffaċilita sinerġi akbar bejn id-difiża u setturi oħra, bħal dak diġitali, billi tippermetti l-finanzjament ta' inizjattivi bħall-Fabbriki tal-IA u l-Gigafactories tal-IA, kif ukoll proġetti b'użu doppju b'effetti konsegwenzjali potenzjali għall-innovazzjoni u l-kompetittivitā f'oqsma bħarriċerka, it-teknoloġija u l-industrija.

Dawn ir-riżultati u l-impatti mistennija se jkunu ta' beneficiċju għal **diversi partijiet ikkonċernati**, inklużi:

- l-Istati Membri, billi jipprovdu flessibbiltà akbar biex jużaw il-finanzjament tal-UE b'appoġġ għas-sigurtà u d-difiża
- l-industrija tad-difiża tal-UE, inklużi l-SMEs u l-kumpaniji start-up, billi jipprovdu opportunitajiet għat-tkabbir u l-innovazzjoni u jsaħħu l-EDTIB.

- iċ-ċittadini tal-UE, billi jikkontribwixxu għall-paċi, għas-sigurtà u għall-awtonomija strateġika

#### 1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Objettiv Speċifiku	Indikatur
Bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) imsaħħha: u reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista	Għadd ta' proġetti tad-difiża appoġġati mill-iSTEP
Mobbiltà militari mtejba	Għadd ta' komponenti tal-infrastruttura tat-trasport adattati għar-rekwiżiti tal-użu doppju
Appoġġ għall-innovazzjoni fid-difiża	Tnaqqis fil-ħin fl-evalwazzjoni u l-għoti ta' proġetti tal-EDF relatati ma' teknoloġiji fixkiela għad-difiża
Appoġġ għall-SMEs u l-kumpaniji start-up li jiżviluppaw teknoloġiji b'użu doppju u tad-difiża	L-għadd ta' SMEs u kumpaniji start-up tad-difiża u b'użu doppju li jirċievu finanzjament permezz tal-Asċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-iSTEP Scale Up tal-EIC
Sinerġiji akbar ma' setturi oħra, bħal dawk diġitali	Għadd ta' proġetti ffinanzjati permezz tad-DEP li għandhom komponent b'użu doppju jew tad-difiża

#### 1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>11</sup>
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

#### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

##### 1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnejja tal-implementazzjoni tal-inizjattiva

Il-proposta għandha l-għan li tindirizza l-htiegħa għal investimenti akbar u rapidi fid-difiża u l-iżvilupp ta' EDTIB b'saħħitha u kompetittiva, skont il-Pjan ReArm Europe. Għandha l-għan li tintroduċi bidliet fil-programmi eżistenti tal-UE, inklużi l-iSTEP, Orizzont Ewropa, l-EDF, l-ASAP, id-DEP, u l-FNE, biex tappoġġa inizjattivi tad-difiża u b'użu doppju. L-emendi mmirati fir-rigward tar-Regolamenti tal-UE se jidħlu fis-seħħi immedjatamente wara l-adozzjoni tar-Regolament propost. Fejn rilevanti, jenħtieġ li dawn jitqiesu għat-tħejjija u/jew l-emenda tal-Programmi ta' Ħidma eżistenti ta' inizjattivi rilevanti (Orizzont Ewropa, l-FNE, id-DEP, l-iSTEP, l-EDF). Dan se jippermetti t-tnejja ta' sejħiet ġodda għal proposti u l-għażla ta' proġetti li jallinjaw mal-objettivi tad-difiża u s-sigurtà tal-UE u tal-Istati Membri.

**Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni:**

<sup>11</sup>

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-regolament mini-omnibus se tkun influwenzata miċ-ċikli tal-programmi eżistenti u l-ħtieġa li l-bidliet jiġu inkorporati fil-programmi ta' ħidma rispettivi. Għall-biċċa l-kbira mill-programmi, il-bidliet huma mistennja li jiġu introdotti fil-programm ta' ħidma disponibbli li jmiss, fejn l-ewwel sejħiet għall-proposti jitnedew fiti wara.

Għal emendi li jintroduċu l-possibbiltà li l-Istati Membri jgħaddu l-fondi tal-politika ta' koeżjoni lejn investimenti relatati mad-difiża (inklużi l-FNE, l-iSTEP, l-EDF, l-ASAP), sabiex jibbenfikaw mill-prefinanzjament addizzjonali ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw l-emendi tal-programm tagħhom sa tmiem l-2025.

- 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jaista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż, gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqSIMA, “valur miżjud tal-involviment tal-UE” huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE jinsab fil-kapaċità tagħha li tikkoordina l-investimenti, timmassimizza l-effiċjenza baġitarja, u tikseb effettività akbar fl-appoġġ għall-investimenti fid-difiża milli jkun possibbli għal kwalunkwe Stat Membru individwali li jaġixxi waħdu. Ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta' approċċ koordinat għall-investiment fid-difiża jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtieġiġiet tad-difiża tagħhom, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-istabbiltà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.

*Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante):*

- Il-ħtieġa għal investiment koordinat fid-difiża biex jiġu indirizzati l-isfidi u t-theddidiet komuni għas-sigurtà, li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv mill-Istati Membri individwali waħidhom.
- L-importanza li tīgi massimizzata l-effiċjenza baġitarja, tīgi massimizzata l-komplementarjetà tal-programmi differenti ta' finanzjament u titnaqqas id-duplikazzjoni tal-isforzi, li tista' tinkiseb permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni fil-livell tal-UE.

*Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante):*

- Appoġġ għall-prontezza tad-difiża u ssahħħa il-mobbiltà militari, li se ssahħħa il-kapaċità tal-Istati Membri li jwieġbu għall-isfidi u t-theddidiet komuni għas-sigurtà.
- Żieda fil-kompetittività u l-innovazzjoni fl-industrija tad-difiża Ewropea, li tirriżulta mill-approċċ koordinat tal-UE għall-investiment fid-difiża u l-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) b'saħħitha u kompetittiva.
- Massimizzazzjoni tas-sinerġiji fost l-strumenti finanzjarji differenti tal-UE u l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni mtejba, li se jippermettu lill-UE tingrana r-riżorsi tagħha b'mod aktar effettiv u tikseb impatt akbar bl-investimenti tagħha fl-Istati Membri individwali, b'mod partikolari għal proġetti fuq skala kbira.
- Valur aħjar għall-flus, li jirriżulta mill-użu effiċċenti tar-riżorsi u tnaqqis fid-duplikazzjoni tal-isforzi, li se jippermettu lill-UE tikseb aktar bir-riżorsi disponibbli tagħha. Billi tgħaqqaqad ir-riżorsi u l-għarfien espert ta' programmi

differenti tal-UE, l-UE tista' toħloq approċċ aktar komprensiv u integrat għall-investiment fid-difiża, li se jrendi beneficij u reddit akbar minn dawk li jistgħu jinkisbu permezz ta' programmi individwali waħidhom.

### 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-UE għandha rekord ta' adattament b'suċċess tal-strumenti ta' finanzjament tagħha biex twieġeb għall-isfidi u l-prioritajiet emerġenti. Pereżempju, matul il-pandemija tal-COVID-19, l-UE introduċiet bosta strumenti biex tappoġġa l-irkupru u r-reżiljenza tar-reġjuni u l-komunitajiet affettwati, inklużi l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u s-CRII+, kif ukoll ir-REACT-EU (Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa). Barra minn hekk, b'rispons għall-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna u l-kiżi tal-prezzijiet tal-enerġija li rriżultat minnha, l-UE pproponiet użu aktar flessibbli tal-strumenti ta' finanzjament tagħha biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw diversi sfidi.

Dawn l-esperjenzi wrew li l-adattament tal-strumenti ta' finanzjament tal-UE jista' jkun mod effettiv ta' rispons għall-isfidi li qed jevolvu u l-prioritajiet strateġiċi. Huma enfasizzaw ukoll l-importanza ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, u l-awtoritajiet rilevanti biex jiġi żgurat li l-fondi jintużaw b'mod effettiv u effiċċienti.

Fil-kuntest tal-investiment fid-difiża, l-UE tista' tislet dawn it-tagħlimiet biex tiżgura li l-adattament tal-strumenti ta' finanzjament tagħha jsir b'mod li jkun trasparenti, responsabbi u effettiv. Billi tibni fuq dawn l-esperjenzi tal-passat, l-UE tista' toħloq qafas aktar flessibbli u responsiv li jkun mgħammar aħjar biex jindirizza l-isfidi tas-sigurta kumplessi u li qed jevolvu li qed jiffaċċejaw l-UE u l-Istati Membri tagħha.

### 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-emendi immirati proposti fir-rigward tar-Regolamenti rilevanti tal-UE huma kompatibbli bis-shiħħ mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 eżistenti. L-emendi ma jirrik jedux finanzjament addizzjonali mill-baġit tal-UE u lanqas ma jibiddlu l-allokazzjoni baġitarja kumplessiva għall-biċċa l-kbira mill-programmi, peress li huma mfassla biex jottimizzaw l-użu tar-riżorsi eżistenti fil-programmi attwali. Il-flessibbiltajiet u s-sinerġiji proposti fost strumenti finanzjarji differenti tal-UE, bħall-iSTEP, l-EDF, l-ASAP, l-FNE, u d-DEP, huma wkoll konsistenti bis-shiħħ mal-QFP eżistenti. Madankollu, biex jintlaħqu l-objettivi tal-proposta mini-omnibus, riżorsi addizzjonali oriġinati minn rimborżi mill-proġetti pilota tal-EIC fil-QFP preċedenti fil-qafas ta' Orizzont 2020 se jiġu allokat għal Orizzont Ewropa, speċifikament għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni. Dan ir-rinfurzar immirat se jappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi tad-difiża u b'użu doppiu, u se jiġi implimentat fil-qafas tal-QFP eżistenti.

L-emendi proposti jistgħu jgħinu biex jinfurmaw il-QFP futur billi jipprovdu informazzjoni intuwittiva siewja u tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-programmi attwali. L-esperjenza miksuba mill-flessibilizzazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni u l-ħolqien ta' sinerġiji fost strumenti finanzjarji differenti tal-UE jistgħu jitqiesu meta jitfasslu programmi u allokazzjonijiet baġitarji futuri tal-UE. Dan jista' jgħin biex jiġi żgurat li l-finanzjament futur tal-UE jkun aktar effettiv, effiċċienti u allinjal aħjar mal-prioritajiet strateġiċi tal-UE, inklużi d-difiża u s-sigurta.

### *1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

L-emendi mmirati proposti fir-rigward tar-Regolamenti rilevanti tal-UE joffru firxa ta' għażliet ta' finanzjament u opportunitajiet għar-riallokazzjoni, li jiġi jgħinu biex jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi eżistenti u jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u t-teknoloġiji tad-difiża fl-UE.

Waħda mill-għażliet ta' finanzjament hija l-possibbiltà li l-fondi ta' koeżjoni jingħaddu biex jappoġġaw investimenti u attivitajiet relatati mad-difiża, eż. permezz tal-iSTEP.

L-emenda tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) għandha l-għan li tippermetti l-akkumulazzjoni ta' finanzjament bejn l-EDF u programmi oħra tal-Unjoni għall-istess azzjoni, li tippermetti approċċ aktar komprensiv u integrat għall-appoġġ ta' investimenti relatati mad-difiża. Barra minn hekk, l-emenda tipprevedi l-possibbiltà li r-riżorsi allokati lill-Istati Membri fil-qafas tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni jiġu trasferiti għall-EDF, li jippermetti lill-Istati Membri jgħaddu mill-ġdid il-fondi tal-politika ta' koeżjoni tagħhom biex jappoġġaw l-investimenti relatati mad-difiża. Barra minn hekk, l-emenda tal-ASAP se tippermetti trasferimenti volontarji ta' riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-istrument ASAP, kif ukoll kontribuzzjonijiet volontarji addizzjonal mill-Istati Membri.

L-emenda tal-Programm Ewropa Digideli (DEP) tipprevedi l-possibbiltà li tintuża l-flessibbiltà baġitarja biex jiġu appoġġati investimenti addizzjonal fuq tajjeb għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE, inkluż l-użu doppju.

L-emenda tal-programm Orizzont Ewropa se tippermetti appoġġ għal proġetti b'applikazzjonijiet b'użu doppju potenzjali taħt l-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) (għotja + ewkitajiet), kif ukoll proġetti b'fokus fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża taħt l-iskema ta' scale-up (ekwità biss) tal-Aċċelleratur tal-EIC.

L-emenda tal-FNE se tippermetti l-kapaċitajiet diġitali konnessi li huma meħtieġa għall-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża, inkluż l-konnessjoni tal-cloud, l-IA u l-Gigafactories tal-IA, kif ukoll il-mobbiltà militari. Din se tappoġġa l-iżvilupp ta' infrastruttura u teknoloġiji li huma essenzjali għas-sigurtà u d-difiża. Fl-FNE, il-pakkett tal-mobbiltà militari (EUR 1.7 biljun) ġie allokat bis-sħiħ għal proġetti fl-2024 wara tliet sejħiet jew proposti. Għalhekk, it-trasferimenti tal-Istati Membri minn riżorsi fil-qafas ta' ġestjoni kondiviża huma għażla biex ikomplu jiġu appoġġati l-proġetti ta' mobbiltà militari fil-qafas tal-FNE.

## **1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

### **durata limitata**

- fis-seħħ mill-4/2025 sal-31/12/2028
- Impatt finanzjarju mill-2025 sal-2027 għall-approprazzjonijiet ta' impenn u mill-2025 sal-2030 għall-approprazzjonijiet ta' pagament.

### **durata mhux limitata**

- Implementazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## **1.7. Metodu/i ta' implementazzjoni tal-baġit ippjanat(i)<sup>12</sup>**

### **Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni**

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

### **Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri**

### **Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implementazzjoni tal-baġit:**

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- lill-korpi tad-dritt pubbliku
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implementazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implementazzjoni ta' azzjonijiet speċifiki fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiki għas-settur, bl-implementazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn dawn il-korpi jkunu kkontrollati minn korpi rregolati bil-liġi pubblika jew minn korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji

<sup>12</sup>

Id-dettalji tal-metodi ta' implementazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>.

ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

### Kummenti

Il-metodu tal-implementazzjoni tal-baġit se jiddependi mill-programm spċifiku affettwat mill-emenda. B'mod partikolari:

Għall-Aċċelleratur ta' Orizzont Ewropa/tal-EIC, l-implementazzjoni hija mistennija li tkun permezz ta' aġenziji eżekuttivi (b'mod partikolari l-EISMEA); il-Fond tal-EIC huwa ġestit mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

Għall-iSTEP, l-FNE, id-DEP, l-EDF, u l-ASAP, hija prevista ġestjoni diretta.

Għall-FNE, il-programm huwa implementat permezz ta' ġestjoni diretta u delegat bis-sħiħ lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA). Xi azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi huma ġestiti direttament mill-Kummissjoni

Għall-politika ta' Koejżjoni, se tapplika ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

L-emendi mmirati fir-Regolament se jiġu mmonitorjati u evalwati f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fil-programmi rilevanti, jiġifieri Orizzont Ewropa, l-FNE, id-DEP, l-EDF, l-ASAP, u l-iSTEP. Il-frekwenza u l-kundizzjonijiet għall-monitoraġġ u r-rappurtar sejkun kif spċifikat fir-regolamenti u l-ftehimiet dwar il-programmi rispettivi.

Barra minn hekk, għad-dispożizzjonijiet relatati mal-Politika ta' Koeżjoni, l-evalwazzjoni u r-rappurtar perjodiċi se jitwettqu skont l-obbligi rilevanti tal-Politika ta' Koeżjoni, inklużi r-rekwiżiti għall-evalwazzjoni *ex ante*, l-evalwazzjoni *interim*, u l-evalwazzjoni *ex post*, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fir-regolamenti u l-ftehimiet ta' finanzjament applikabbi.

B'mod ġenerali, il-monitoraġġ u r-rappurtar se jitwettqu fuq bażi regolari, bil-frekwenza u l-kundizzjonijiet spċifici li għandhom jiġu ddeterminati mill-awtoritajiet tal-programm rilevanti u f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbi.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-metodi tal-implimentazzjoni tal-baġit proposti, il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament, u l-istrateġija ta' kontroll huma bbażati fuq l-istrutturi u l-mekkaniżmi eżistenti digħi fis-seħħi għall-programmi rilevanti (Orizzont Ewropa, l-FNE, id-DEP, l-EDF, l-ASAP, l-iSTEP).

L-emendi introdotti b'dan ir-Regolament ma jintroduċu l-ebda alterazzjoni f'dan irrigward. Minflok, huma jibnu fuq oqfsa eżistenti mfassla biex jiżguraw implementazzjoni effettiva, effiċċjenti u ekonomika tal-programmi.

L-użu ta' ġestjoni diretta, ġestjoni kondiviża, u aġenzijsi eżekuttivi, kif ukoll il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament u l-istrateġiji ta' kontroll ġew stabbiliti u ttestjati fil-kuntest tal-programmi eżistenti. L-emendi proposti ma jirrikjedux bidliet sinifikanti għal dawn l-istrutturi eżistenti. Il-Kummissjoni se sserraħ fuq l-għarfiem espert, is-sistemi u l-proċeduri eżistenti biex timplimenta l-programmi emendati.

L-istrateġija ta' kontroll, inkluż l-aproċċ ibbażat fuq ir-riskju, il-kontrolli *ex ante*, *interim* u *ex post*, l-awditi, u l-evalwazzjoni, se tkompli tiġi aplikata f'konformità mar-regoli u r-regolamenti eżistenti fil-qafas tal-programmi rilevanti. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, inklużi d-dispożizzjoni emendati, f'konformità mar-rekwiżiti u l-proċeduri eżistenti.

#### 2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Is-sistemi ta' kontroll intern fis-seħħi għall-programmi eżistenti (Orizzont Ewropa, l-FNE, id-DEP, l-EDF, l-ASAP, l-iSTEP) tfasslu biex jidher kif spċċi u jidher kif spċċi kien iż-żebbu. Is-sistemi ta' kontroll intern fis-seħħi għall-programmi eżistenti (Orizzont Ewropa, l-FNE, id-DEP, l-EDF, l-ASAP, l-iSTEP) tfasslu biex jidher kif spċċi u jidher kif spċċi kien iż-żebbu.

L-emendi li ġew introdotti minn dan ir-Regolament ma jbiddlux b'mod fundamentali x-xenarju tar-riskju tal-programmi eżistenti. Il-Kummissjoni se tkompli sserraħ fuq is-sistemi ta' kontroll intern eżistenti, li ġew stabbiliti biex jiżguraw l-implementazzjoni effettiva u effiċċienti tal-programmi.

- 2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-kosteffettività tal-kontrolli għall-programmi emendati hija mistennija li tkun konformi mal-programmi eżistenti. Il-Kummissjoni se tkompli sserraħ fuq is-sistemi ta' kontroll eżistenti, li ġew stabbiliti biex jiżguraw l-implementazzjoni effettiva u effiċċienti tal-programmi, peress li l-emendi ma jintroduċux bidliet sinifikanti għall-programmi.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tirrapporta dwar l-implementazzjoni tal-programmi, inklużi d-dispożizzjonijiet emendati, f'konformità mar-rekwiżiti u l-proċeduri eżistenti.

### **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Il-Kummissjoni se tkompli tapplika l-miżuri previsti taħt il-programmi affettwati mir-Regolament propost biex tipprevjeni l-frodi u l-irregolaritajiet, inklużi l-miżuri li huma deskritti fl-istratxija tal-Kummissjoni kontra l-frodi.

Il-programmi emendati se jkunu soġġetti wkoll għall-qafas ġenerali tal-Kummissjoni kontra l-frodi, li jinkludi monitoraġġ u rappurtar regolari dwar ir-riskji u l-inċidenti ta' frodi. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office Européen de Lutte Antifraude) u ma' awtoritajiet rilevanti oħra biex tipprevjeni u tinvestiga l-frodi u l-irregolaritajiet.

L-ebda miżura addizzjonal ma hija prevista f'dan l-istadju, peress li l-miżuri eżistenti huma meqjusa adegwati biex jipprewjenu l-frodi u l-irregolaritajiet fil-programmi emendati.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
			mill- pajjiżi tal- EFTA <sup>14</sup>	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali <sup>15</sup>	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
1	01.020301 Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (Orizzont Ewropa)	Diff	Iva	Iva	Iva	Iva
5	13.04.01.00 – Mobbiltà militari	Diff	LE	IVA	LE	LE
5	13.01.03.01 – Nefqa ta' appoġġ għall-mobbiltà militari	Mhux diff.	LE	IVA	LE	LE
5	13.01.03.74 – Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent – Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Trasport) għall-mobbiltà militari	Mhux diff.	LE	IVA	LE	LE

<sup>13</sup> Diff. = Appoprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appoprjazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>14</sup> EFTA: Assoċċazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>15</sup> Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### **3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appoprjazzjonijiet**

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appoprjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appoprjazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appoprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

#### *3.2.1.1. Appoprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	5 Sigurtà u Difiża
---	-------	--------------------

Orizzont Ewropa			2023	2024	2025	2026	2027	<b>TOTAL</b>
<b>Appoprjazzjonijiet operazzjonali stmati li jirriżultaw mill-ħlasijiet lura mill-Proġett Pilota tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni fil-qafas ta' Orizzont 2020*</b>								
01.020301 Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni	Impenji	(1a)			p.m.	p.m.	p.m.	<b>p.m.</b>
Appoprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi <sup>16</sup>				p.m.	p.m.	p.m.		
<b>Total tal-appoprjazzjonijiet għal Orizzont Ewropa</b>								
01.020301 Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni	Impenji	(1a)		p.m.	p.m.	p.m.	<b>p.m.</b>	
	Pagamenti	(2a)		p.m.	p.m.	p.m.		

<sup>16</sup> L-assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa ma humiex dettaljati iżda inklużi fl-ammonti kumplessivi indikati fil-qafas tal-linji operazzjonali. Jenħtieġ li dawn jikkorrispondu bejn wieħed u ieħor għall-istess perċentwali meta mqabbel mal-linji amministrattivi bħal dawk li seħħew fil-perjodu 2021-2024.

DĠ: MOVE			Sena	Sena	Sena	Sena	<b>TOTAL QFP 2021-2027</b>
	2025	2026	2027	Wara I-2027			
<b>Appoprjazzjonijiet operazzjonali</b>							
Linja bağıtarja – Mobbiltà militari	Impenji	(1a)	P.M.	P.M.	P.M.		P.M.
	Pagamenti	(2a)	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.
Linja bağıtarja	Impenji	(1b)					0,000
	Pagamenti	(2b)					0,000
<b>Appoprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifċi<sup>17</sup></b>							
Linja bağıtarja 13.01.03.01 – Nefqa ta' appoġġ għall-mobbiltà militari		(3)	P.M.*	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>		P.M.
Linja bağıtarja 13.01.03.74 – Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent – Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Trasport) għall-mobbiltà militari			P.M.**	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>		P.M.
<b>TOTAL tal-appoprjazzjonijiet għal DĠ MOVE</b>	Impenji	=1a+1b+3	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.
	Pagamenti	=2a+2b+3	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.

			Sena	Sena	Sena	Sena	<b>TOTAL QFP 2021-2027</b>
	2025	2026	2027	Wara I-2027			
<b>TOTAL tal-appoprjazzjonijiet operazzjonali</b>	Impenji	(4)	P.M.	P.M.	P.M.	0,000	P.M.
	Pagamenti	(5)	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.

<sup>17</sup>

Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implementazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrativa ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi	(6)	P.M.	P.M.	P.M.	0,000	P.M.
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.
	Pagamenti	=5+6	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.

			Sena <b>2025</b>	Sena <b>2026</b>	Sena <b>2027</b>	Sena <b>Wara l-2027</b>	<b>TOTAL QFP 2021-2027</b>
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	P.M.	P.M.	P.M.	0,000	P.M.
	Pagamenti	(5)	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrativa ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	P.M.	P.M.	P.M.	0,000	P.M.
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet Taħt l-INTESTATURA 1 sa 6</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.
	Pagamenti	=5+6	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	7	“Nefqa amministrattiva” <sup>18</sup>
--	---	---------------------------------------

<sup>18</sup> Sabiex jiġu ddeterminati l-appropriazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

DĠ: MOVE	Sena	Sena	Sena	Sena	<b>TOTAL QFP 2021-2027</b>
	<b>2025</b>	<b>2026</b>	<b>2027</b>	<b>WARA L-2027</b>	
• Riżorsi umani	0	0	0	0	<b>0</b>
• Nefqa amministrattiva oħra	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.
<b>TOTAL TAD-DĠ MOVE</b>	Approprijazzjonijiet	P.M.	<b>P.M</b>	<b>P.M</b>	<b>P.M</b>

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena	Sena	Sena	Sena	<b>TOTAL QFP 2021-2027</b>
	<b>2025</b>	<b>2026</b>	<b>2027</b>	<b>WARA L-2027</b>	
<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet taħt I-INTESTATURI 1 sa 7</b>	Impenji	<b>P.M</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M</b>
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	<b>P.M</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>	<b>PM</b>

	Sena	Sena	Sena	Sena	<b>TOTAL QFP 2021-2027</b>
	<b>2025</b>	<b>2026</b>	<b>2027</b>	<b>WARA L-2027</b>	
<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet operazzjonali</b>	Impenji	(4)	P.M.	P.M.	0,000
	Pagamenti	(5)	P.M.	P.M.	P.M.
<b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi</b>	(6)	P.M.	P.M.	P.M.	<b>PM</b>

**MT**

**MT**

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5</b>	Impenji	=4+6	P.M.	P.M.	P.M.	0,000	P.M.
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	=5+6	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.

			Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Sena WARA L- 2027	<b>TOTAL QFP 2021-2027</b>
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	P.M.	P.M.	P.M.	0,000	P.M.
	Pagamenti	(5)	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-Intestaturi 1 sa 6</b>	Impenji	=4+6	P.M.	P.M.	P.M.	0,000	P.M.
tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Pagamenti	=5+6	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.	P.M.

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	7	“Nefqa amministrattiva” <sup>19</sup>
--	---	---------------------------------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena	Sena	Sena	Sena	<b>TOTAL QFP 2021-2027</b>
	<b>2025</b>	<b>2026</b>	<b>2027</b>	<b>WARA L- 2027</b>	

<sup>19</sup> Sabiex jiġu ddeterminati l-appropriazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7</b>	Impenji	<b>P.M</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M</b>	<b>PM</b>
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	<b>P.M</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M</b>	<b>PM</b>

**MT**

**MT**

### 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

#### 3.2.3.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2021 - 2027
	2025	2026	2027	WARA L-2027	
<b>INTESTATURA 7</b>					
Riżorsi umani	0	0	0	0	0
Nefqa amministrattiva oħra	PM	PM	PM	PM	PM
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 7</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 7</b>					
Riżorsi umani - 13.01.03.74 – Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent – Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Trasport) għall-mobbiltà militari*	PM	PM	PM	PM	PM
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva 13.01.03.01 – Nefqa ta' appoġġ għall-mobbiltà militari**	PM	PM	PM	PM	PM
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 7</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>
<b>TOTAL</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>	<b>P.M.</b>

### 3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/L-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/L-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

### 3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċeżzjonal, meta jkun meħtieġ għall-implementazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-appropriazzjonijiet taħt l-Intestatura 7 għandhom jiġu ppreżentati fil-linjal ddeżinjata.

L-appropriazzjonijiet taħt l-Intestaturi 1 sa 6 għandhom jiġu riflessi bħala “Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali”. Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT li huma marbutin direttament mal-implementazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (eż. liċenzji, studji, ħżin ta' data, eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 “Dimensjonijiet diġitali”.

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet diġitali u tal-IT</b>	Sena	Sena	Sena	Sena	<b>TOTAL QFP 2021 - 2027</b>
	<b>2025</b>	<b>2026</b>	<b>2027</b>	<b>WARA L-2027</b>	
<b>INTESTATURA 7</b>					
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,000	0,000	0,000	0,000	<b>0,000</b>
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 7</b>					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali*	PM	PM	PM	PM	<b>PM</b>
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 7</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>
* Nefqa korporattiva tal-IT fil-qafas ta' programmi operazzjonali ffianzzjati mit-13.01.03.01 – Nefqa ta' appoġġ għall-mobbiltà militari					
<b>TOTAL</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>	<b>PM</b>

### 3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

- tista' tiġi ffianzzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

Din l-inizjattiva se tiġi ffianzzjata minn riżorsi eżistenti, fi ħdan il-pakketti miftiehma tal-programmi kkonċernati u r-riskju għoli allokat. Il-proposta se tirrinforza l-pakkett tal-EIC b'EUR 210 miljun mill-ammonti mhux użati u r-rimborżi tal-proġetti pilota tal-EIC ta' Orizzont 2020. Ir-riprogrammazzjoni se tirrikjedi riallokazzjoni bejn l-intestaturi tal-QFP kif previst mir-regolamenti tal-Programm ta' Koeżjoni u tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Koeżjoni.

### 3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi propri
  - fuq dħul ieħor
  - jekk jogħġibok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet  
deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjonijiet	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva <sup>20</sup>
---------------------------	---------------------	---

<sup>20</sup> Fir-rigward tar-riżorsi propri tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

	disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027

- Għal dħul assenjat, speċifika l-linjalba/ i baġitarja/ i tan-nefqa affettwata/i.

Din l-inizjattiva se tīġi ffinanzjata minn riżorsi eżistenti, fi ħdan il-pakketti miftiehma tal-programmi kkonċernati u r-riskju għoli allokat. Il-proposta se tirrinforza l-pakkett tal-EIC b'EUR 210 miljun mill-ammonti mhux użati u r-rimborżi tal-proġett pilota tal-EIC ta' Orizzont 2020.

- **4. DIMENSIJONIJIET DIĠITALI**

#### **4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali**

L-lemendi proposti ma jistabbilixxu l-ebda rekwiżit ġdid ta' rilevanza diġitali. Il-valutazzjoni tar-rilevanza diġitali diġà twettqet għal kull wieħed mill-programmi affettwati mill-emendi, u l-bidliet proposti ma jintroduċu l-ebda obbligu jew dispożizzjoni addizzjonali relatati mal-ġbir, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, l-iskambju, jew il-kondiżjoni tad-data, l-awtomatizzazzjoni jew id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-partijiet ikkonċernati, l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda jew eżistenti, jew is-servizzi pubbliċi diġitali. Għalhekk, ma ġie identifikat l-ebda rekwiżit addizzjonali ta' rilevanza diġitali f'din il-proposta.